# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Settembru tas-sena 2001.**

**Numru 47**

**Avviz numru 771/98/SM**

**Gasan Insurance Agency Ltd bhala mandatarji tas-socjeta' estera General Accident Fire and Life Assurance Corporation p.l.c. ta' Perth, Scotland u din kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Gazan Enterprises Ltd skond il-ligi u skond il-polza ta' assigurazzjoni (Claim 976183).**

**vs**

**The Cargo Handling Company Ltd**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-20 ta' April ta' l-1998 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex:**

**1. Illi thallas s-somma ta' LM414 rappresentanti nuqqasijiet/hsarat f'konsenja ta' 49 karozza Ford importati mill-assigurat tal-attur li waslu Malta fid-19 ta' Dicembru, 1997 abbord l-vapur Fides ghal liema hsarat/nuqqasijiet hi unikament responsabbli;**

**2. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet mid-data tal-presentata tal-avviz kontra l-konvenuti li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-18 ta' Mejju ta' l-1998 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi preliminarjament, l-azzjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan a bazi tal-principju selecta una via non datur concursus ad alteram, stante illi wara illi kien diga gie ipprezentata dan l-avviz, is-socjeta' attrici pprezentat quddiem din l-istess Onor. Qorti avviz iehor [Avv. Nru. 838/98(JAB)] kontra l-istess socjeta' ecipjenti u liema avviz jirrigwarda l-istess fatti, oggett u kawzali;**

**2. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghandha tigi esebita l-polza ta' assikurazzjoni li a bazi taghha qed jigi allegat li sar il-hlas lill-impurtatur u ghandu daqs tant iehor jigi esebit ic-cheque li bih sar l-allegat pagament mis-socjeta' attrici lis-socjeta' importatrici;**

**3. Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, ghandu jigi ppruvat li l-hsara u n-nuqqasijiet dedotti fl-avviz ta' l-attur sehhew waqt illi l-vetturi mertu tal-vertenza odjerna kienu fil-kustodja u taht il-kontroll assolut u supervizjoni tas-socjeta' konvenuta u li l-istess vetturi gew ikkonsenjati lis-socjeta konvenuta ezenti mill-istess hsarat jew nuqqasijiet;**

**4. Illi fit-tielet lok, u bla pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' konvenuta hija ezenti minn kull**

**responsabbilita' u dan ai termini ta' l-artikolu 70 tar-Regolamenti tal-Port ta' l-1966 (kif emendati permezz ta' l-Avviz Legali Nru 28/83) li jistipola li "…in the case of unit load or unitised cargo, the Director of Ports or his Contractor may, subject to the provisions of this regulation, give a receipt for the quantity only of unit load received from the ship". U ai termini ta' l-Att IX ta' l-1973, unit load jinkludi inter alia, "…vehicles rolled on or off a ship". Ghaldaqstant, galadarba s-socejta' konvenuta taghti biss ricevuta tal-kwantita, hija ma tista qatt tkun responsabbli ghan-nuqqasijiet u l-hsarat dedotti fl-avviz ta' l-attur, peress illi kkonsenjat lill-importatur l-istess ammont ta' karozzi li gew sbarkati f'idejha;**

5. **Illi fir-raba' lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' konvenuta hija ezenti minn kull responsabbilita' u dan ai termini ta' l-artikolu 90 u l-Iskeda tlettax (13) tar-Regolamenti tal-Port ta' l-1966, liema artikolu jipprovdi inter alia r-responsabbilita ta' merkanzija li tigi mahzuna jew stivata fil-berah hija ta' sid l-istess merkanzija;**

6. **Illi fil-hames lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' konvenuta m'hiex responsabbli ghall-hsarat u n-nuqqasijiet dedotti fl-avviz ta' l-attur stante li hija qdiet l-obbligi kollha imposti fuqha mill-ligi;**

7. **Illi fis-sitt lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont ta' danni dedott fl-avviz ta' l-attur huwa eccessiv u ghaldaqstant ghadu jigi ppruvat kif l-attur wasal ghall-ammont;**

8. **Illi fis-sebgha lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ebda imghax ma hu dovut stante li s-socjeta' konvenuta qatt ma giet interpellata biex thallas ebda ammont ta' danni u li siccome din si tratta ta' kawza ta' danni, il-likwidazzjoni ta' l-ammont dovut tigi determinata bis-sentenza finali;**

**9. Illi ghaldaqstant, in vista ta' premess, it-talbiet attrici, il-kwantu diretti kontra s-socjeta' konvenuta, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rispinti bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici;**

**10. Salvi eccezzjonjiet ulterjuri;**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-konsenja ta' vetturi in dizamina ddahhlet Malta fid-19 ta' Dicembru ta' l-1997 bil-vapur Fides;**

**2. Illi skond il-"bill of lading", (Dok G) u t-"tally sheet", (Dok C) ma jirrizulta l-ebda hsarat fil-vetturi in dizamina;**

**3. Illi dawn l-istess vetturi gew imhollija fil-kustodja tas-socjeta' konvenuta u meta gew biex jigu rilaxxati minnha lill-importatur gew riskontrati l-hsarat indikati fil-"gate pass-out" (Dok F) u fil-lista tal-hsarat u nuqqasijiet, (Dok E), li b'mod generiku kienu jikkonsistu f'xi affarijiet li ttiehdu mill-istess vetturi u xi hsarat fuq l-ispray ta' l-istess ikkawzat mill-hmieg tal-hamiem;**

**4. Illi l-hsara komplessiva tammonta ghall-erba' mija u erbatax-il Lira Maltin (LM414.00,0);**

**5. Illi meta saret il-hsara in dizamina l-vetturi kienu kompletament taht il-kustodja tas-socjeta' konvenuta;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi in vista tas-suespost a skans ta' ripetizzjoni inutli taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell datata 6 t'Ottubru ta' l-1999 u taghmel taghha l-argumentazzjoni hemm esposta;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tiddikjara li s-socjeta' konvenuta hi responsabbli ghall-hsarat reklamati fl-avviz odjern, tillikwida d-danni fl-ammont ta' erba' mija u erbatax-il Lira Maltin, (LM414.00,0); u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited biex thallas dan l-ammont hekk likwidat lis-socjeta' attrici, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**